



---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2021/0406(COD)**

22.6.2022

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi  
(COM(2021)0775 – C9-0458/2021 – 2021/0406(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Svenja Hahn

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fit-8 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet regolament *dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi*. L-istrument propost jikkostitwixxi risposta għall-persjoni ekonomika li l-UE u l-Istati Membri tagħha tqiegħdu deliberatament fil-mira tagħha f'dawn l-aħħar snin, u l-għan tiegħu hu li s-sett ta' għodod għad-difiża tal-kummerċ jissaħħaħ u jiġi kkomplementat u li l-UE tkun tista' tiproteġi ruħha aħjar fix-xena globali.

Bħalissa l-UE m'għandhiex strument li jittratta l-koerċizzjoni speċifikament, u kien għalhekk li l-Parlament Ewropew u diversi Stati Membri talbu tali strument, kif irrimarkat fid-dikjarazzjoni konġunta tal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2021. Il-proposta tal-Kummissjoni toħroġ minn dik id-dikjarazzjoni. Din l-għodda l-għdida tippermetti lill-Kummissjoni tintroduċi restrizzjonijiet fuq il-kummerċ, l-investiment u restrizzjonijiet oħra kontra pajjiżi terzi li jindaħal bla bżonn fl-għażliet politiċi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. Il-funzjoni ewlenija tal-istrument propost tkun, madankollu, li jiskoraġġixxi l-intimidazzjoni ekonomika bis-sempliċi eżistenza tiegħu.

Il-Kummissjoni qed tipproponi li tuża s-setgħat ta' implimentazzjoni u delegati tradizzjonali disponibbli fl-ambitu tal-politika kummerċjali komuni. Fil-proposta tal-Kummissjoni, il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jiġu ddeterminati u adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, filwaqt li l-bidliet għall-miżuri ta' rispons potenzjali u r-regoli tal-orijini (l-Annessi I u II) ikunu soġġetti għal atti delegati.

Għalkemm l-istrument propost huwa mekkaniżmu għad-difiża tal-kummerċ, il-proposta għandha konsegwenzi għas-suq intern ukoll. Partijiet mill-Anness I u l-Anness II kollu huma responsabbiltajiet tal-IMCO: il-prodotti u l-akkwist pubbliku kif ukoll ir-regoli tal-orijini.

Meta jitqies l-impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern minn kwalunkwe kunflitt relatat mal-kummerċ jew miżura meħuda minn pajjiżi terzi, huwa sorprendenti li ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt fuq is-suq intern. Dan minkejja li miżuri koerċittivi min-naħa ta' pajjiżi terzi, kif ukoll kwalunkwe kontromiżura li tista' tittieħed, żgur li jaffettwaw ukoll is-suq intern, bħalma rajna fil-każ tal-projbizzjoni ta' prodotti mil-Litwanja min-naħa ta' Ċina wara kontroversja diplomatika, li kellha effetti konsegwenzjali ċari fuq Stati Membri oħra u fuq is-suq intern.

Minħabba l-implikazzjonijiet ta' azzjonijiet koerċittivi minn pajjiżi terzi fuq is-suq intern, bħala rapporteur qed nipproponi li l-Istati Membri jingħataw rwol fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet min-naħa tal-Kummissjoni. Qed nipproponi wkoll żidiet li jobbligaw lill-Kummissjoni iżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri infurmati tul il-proċess kollu.

Il-proposta tal-Kummissjoni tħalli ħafna mid-deċizzjonijiet f'idejn il-Kummissjoni, mingħajr skrutinju parlamentari, billi huwa propost li parti konsiderevoli mill-azzjonijiet jiġu eżegwiti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni biss.

Nemmen li jkun aktar xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tiddetermina l-eżistenza ta' azzjoni koerċittiva, u mbagħad, taħt l-iskrutinju tal-Parlament Ewropew u tal-Istati Membri, tiddeċiedi x'kontromiżuri adegwati jittieħdu. Dan ikun ifisser li l-kontromiżuri jiġu

ddeterminati u adottati permezz ta' att delegat, u mhux permezz ta' att ta' implimentazzjoni kif propost mill-Kummissjoni. Il-bidla fil-proċedura minn att ta' implimentazzjoni għal att delegat tiżgura skrutinju parlamentari fuq il-kontromiżuri, minflok ma l-Kummissjoni tingħata setgħat sħaħ biex taġixxi waħedha.

Ladarba l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jkunu ġew involuti fid-deċiżjoni relatata mal-kontromiżuri, il-Kummissjoni tkun tista' tissospendi jew ittemm il-miżuri permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Madankollu, is-setgħa li jiġu emendati l-miżuri għandha tkun soġġetta għal skrutinju parlamentari, u għalhekk bħala rapporteur qed nipproponi li l-emendar tal-miżuri jsir permezz ta' att delegat ukoll.

Billi waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin dwar l-istrument propost hija l-kapaċità li tittieħed azzjoni malajr, qed nipproponi li ma jsir l-ebda tibdil fl-Artikolu 10(5) tal-proposta, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li, għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli li jissospendu, jemendaw jew itemmu l-miżuri ta' rispons tal-Unjoni għal perjodu li ma jaqbiż ix-xahrejn.

Kollox ma' kollox, huwa ċar li l-istrument propost jindirizza bżonn, iżda huwa indispensabbli li noħolqu għodda li ma twassalx għall-protezzjoniżmu iżda tissalvagwardja l-funzjonament tas-suq intern.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) L-ekonomija dinjija interkonnessa moderna toħloq riskju akbar ta' koerċizzjoni ekonomika u opportunità għaliha, peress li ttiprovdi lill-pajjiżi b'mezzi mtejba, inklużi mezzi ibridi, biex jużaw tali koerċizzjoni. Huwa mixtieq li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-ħolqien, għall-iżvilupp u għall-kjarifika ta' oqfsa internazzjonali għall-prevenzjoni u għall-eliminazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' koerċizzjoni ekonomika.

##### *Emenda*

(5) L-ekonomija dinjija interkonnessa moderna toħloq riskju akbar ta' koerċizzjoni ekonomika u opportunità għaliha, peress li ttiprovdi lill-pajjiżi b'mezzi mtejba, inklużi mezzi ibridi, biex jużaw tali koerċizzjoni. ***Għal dan il-għan, huwa essenzjali li tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq intern, jiġu diversifikati r-relazzjonijiet kummerċjali u tingħata spinta lill-kompetittività Ewropea.*** Huwa mixtieq ***ukoll*** li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-ħolqien, għall-iżvilupp u għall-kjarifika ta' oqfsa internazzjonali għall-

prevenzjoni u għall-eliminazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' koerċizzjoni ekonomika **permezz ta' strument ta' deterrent li jikkomplementa l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni. L-użu tal-koerċizzjoni ekonomika fil-konfront tal-Unjoni u l-Istati Membri żdied kostantement.**

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Filwaqt li dejjem taġixxi fil-qafas tad-dritt internazzjonali, huwa essenzjali li l-Unjoni jkollha strument xieraq biex tiskoraġġixxi u tiġġieled il-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi sabiex tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi tagħha u dawk tal-Istati Membri tagħha. Dan huwa partikolarment il-każ fejn pajjiżi terzi jieħdu miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment li jinterferixxu fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru billi jfittxu li jipprevjenu jew jiksibu l-waqfien, il-modifika jew l-adozzjoni ta' att partikolari mill-Unjoni jew minn Stat Membru. Tali miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment jistgħu jinkludu mhux biss azzjonijiet meħuda fuq, u li jkollhom effetti fit-territorju tal-pajjiż terz, iżda wkoll azzjonijiet meħuda mill-pajjiż terz, inkluż permezz ta' entitajiet ikkontrollati jew diretti mill-pajjiż terz u preżenti fl-Unjoni, li jikkawżaw ħsara lill-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni.

## Emenda 3

### Proposta għal regolament

#### Premessa 6a (ġdida)

##### *Emenda*

(6) Filwaqt li dejjem taġixxi fil-qafas tad-dritt internazzjonali, huwa essenzjali li l-Unjoni jkollha strument xieraq biex tiskoraġġixxi u tiġġieled il-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi sabiex tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi tagħha u dawk tal-Istati Membri tagħha **u tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq intern.** Dan huwa partikolarment il-każ fejn pajjiżi terzi jieħdu miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment li jinterferixxu fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru billi jfittxu li jipprevjenu jew jiksibu l-waqfien, il-modifika jew l-adozzjoni ta' att partikolari mill-Unjoni jew minn Stat Membru. Tali miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment jistgħu jinkludu mhux biss azzjonijiet meħuda fuq, u li jkollhom effetti fit-territorju tal-pajjiż terz, iżda wkoll azzjonijiet meħuda mill-pajjiż terz, inkluż permezz ta' entitajiet ikkontrollati jew diretti mill-pajjiż terz u preżenti fl-Unjoni, li jikkawżaw ħsara **lill-funzjonament tas-suq intern jew** lill-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni.

**(6a) Miżuri ta' koerċizzjoni min-naħa ta' pajjiż terz fil-konfront ta' Stat Membru wieħed ikollhom riperkussjonijiet negattivi fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern u joħlqu, pereżempju, tfixkil fil-ktajjen tal-provvista. L-iżgurar ta' suq intern reżiljenti u li jiffunzjona tajjeb ikollu rwol strateġiku f'dan il-kuntest billi jista' jiskoraġġixxi l-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi. Għalhekk huwa ta' importanza partikolari li jiġu stabbiliti regoli li jippreservaw is-suq intern minn interferenzi negattivi, kif ukoll regoli li jippreservaw il-kapaċità tal-Unjoni li tagħmel għażliet sovrani meta jkun qed jitqiesu x'miżuri għandha tiegħu l-Unjoni f'każ ta' miżuri ta' koerċizzjoni minn pajjiż terz.**

#### Emenda 4

##### Proposta għal regolament Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura rispons effettiv, effiċjenti u rapidu tal-Unjoni għall-koerċizzjoni ekonomika, inkluż l-iskoraġġiment ta' koerċizzjoni ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u, fl-aħħar istanza, kontromiżuri.

*Emenda*

(7) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura rispons effettiv, effiċjenti u rapidu tal-Unjoni għall-koerċizzjoni ekonomika, inkluż l-iskoraġġiment ta' koerċizzjoni ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u, fl-aħħar istanza, kontromiżuri. ***Bil-ħsieb li jiġi evitat l-użu skorrett ta' dan ir-Regolament u li l-industriji tal-Unjoni jiġu protetti minn kompetizzjoni minn barra, jenħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar il-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni ta' dan l-istrument u għall-iskattar ta' miżuri speċifiċi.***

#### Emenda 5

##### Proposta għal regolament Premessa 9

(9) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, għall-ħolqien ta' qafas effettiv u komprensiv għal azzjoni tal-Unjoni kontra l-koerċizzjoni ekonomika, li jiġu stabbiliti regoli dwar l-eżami, id-determinazzjoni u l-kontroazzjoni fir-rigward tal-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika ta' pajjiżi terzi. B'mod partikolari, il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu preċeduti minn eżami tal-fatti, determinazzjoni tal-eżistenza ta' koerċizzjoni ekonomika, u, fejn possibbli, sforzi biex tinstab soluzzjoni f'kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ikkonċernat. Kwalunkwe miżura imposta mill-Unjoni jenħtieġ li tkun proporzjonata mad-dannu kkawżat mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-kriterji għad-definizzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jqisu b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu evitati jew minimizzati l-effetti kollaterali, il-piżijiet amministrattivi u l-kostijiet imposti fuq l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni kif ukoll l-interess tal-Unjoni. Għalhekk, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi segwiti, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Premessa 15**

(15) Jenħtieġ li l-Unjoni timponi biss kontromiżuri meta meżżi oħra bħal negozjati, medjazzjoni jew aġġudikazzjoni ma jwasslux għall-waqfien immedjat u

(9) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, għall-ħolqien ta' qafas effettiv, ***kredibbli*** u komprensiv għal azzjoni tal-Unjoni kontra l-koerċizzjoni ekonomika, li jiġu stabbiliti regoli dwar l-eżami, id-determinazzjoni u l-kontroazzjoni fir-rigward tal-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika ta' pajjiżi terzi. B'mod partikolari, il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu preċeduti minn eżami tal-fatti, determinazzjoni tal-eżistenza ta' koerċizzjoni ekonomika ***u tal-impatt tagħha fuq l-Unjoni***, u, fejn possibbli, sforzi biex tinstab soluzzjoni f'kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ikkonċernat. Kwalunkwe miżura imposta mill-Unjoni jenħtieġ li tkun proporzjonata mad-dannu kkawżat mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-kriterji għad-definizzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jqisu b'mod partikolari ***l-bżonn ta' ċertezza legali u l-ħtieġa li jiġu evitati jew minimizzati l-effetti kollaterali, il-piżijiet amministrattivi u l-kostijiet imposti fuq l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni kif ukoll l-interess tal-Unjoni fis-salvagwardja tal-integrità u l-funzjonament xieraq tas-suq intern***. Għalhekk, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi segwiti, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(15) Jenħtieġ li l-Unjoni timponi biss kontromiżuri meta meżżi oħra bħal negozjati, medjazzjoni jew aġġudikazzjoni ma jwasslux għall-waqfien immedjat u

effettiv tal-koerċizzjoni ekonomika u għar-reparazzjoni tad-dannu li tkun ikkawżat lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha, u fejn tkun meħtieġa azzjoni biex jiġu protetti l-interessi u d-drittijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u jkun fl-interess tal-Unjoni. Huwa xieraq li r-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-impożizzjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni u jippermetti azzjoni rapida fejn meħtieġ biex tiġi ppreservata l-effettività ta' kwalunkwe miżura ta' rispons tal-Unjoni.

effettiv tal-koerċizzjoni ekonomika u għar-reparazzjoni tad-dannu li tkun ikkawżat lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha, u fejn tkun meħtieġa azzjoni biex jiġu protetti *s-suq intern*, l-interessi u d-drittijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u jkun fl-interess tal-Unjoni. Huwa xieraq li r-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-impożizzjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni u jippermetti azzjoni rapida fejn meħtieġ biex tiġi ppreservata l-effettività ta' kwalunkwe miżura ta' rispons tal-Unjoni. ***Tali regoli applikabbli jenħtieġ li jiżguraw li r-Regolament ma jxekklix il-ftuħ tal-Unjoni u l-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli.***

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu magħżula u mfassla abbażi ta' kriterji oġġettivi, inklużi: l-effettività tal-miżuri li jwasslu għall-waqfien tal-koerċizzjoni mill-pajjiż terz; il-potenzjal tagħhom li jipprovdu għajnuna lill-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni affettwati mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika ta' pajjiżi terzi; l-għan li jiġu evitati jew minimizzati l-effetti ekonomiċi u effetti oħra negattivi fuq l-Unjoni; u l-evitar ta' kumplessità u kostijiet amministrattivi sproporzjonati. Huwa essenzjali wkoll li l-għażla u t-tfassil tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jqisu l-interess tal-Unjoni. Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jenħtieġ li jintgħażlu minn firxa wiesgħa ta' għażliet sabiex jippermettu l-adozzjoni tal-aktar miżuri xierqa fi kwalunkwe każ partikolari.

#### *Emenda*

(16) Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu magħżula u mfassla abbażi ta' kriterji oġġettivi, inklużi: l-effettività tal-miżuri li jwasslu għall-waqfien tal-koerċizzjoni mill-pajjiż terz; il-potenzjal tagħhom li jipprovdu għajnuna lill-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni affettwati mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika ta' pajjiżi terzi; l-għan li jiġu evitati jew minimizzati l-effetti ekonomiċi u effetti oħra negattivi fuq l-Unjoni; u l-evitar ta' kumplessità u kostijiet amministrattivi sproporzjonati. Huwa essenzjali wkoll li l-għażla u t-tfassil tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jqisu l-interess tal-Unjoni ***u li daww il-miżuri jkunu proporzjonati u mmirati lejn il-massimizzazzjoni tal-effikaċja tagħhom u l-minimizzazzjoni tal-impatt tagħhom fuq l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni.*** Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jenħtieġ li jintgħażlu minn firxa wiesgħa ta' għażliet



sabiex jippermettu l-adozzjoni tal-aktar miżuri xierqa fi kwalunkwe każ partikolari.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Premessa 19

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Wara l-adozzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta kontinwament is-sitwazzjoni fir-rigward tal-miżuri ta' pajjiżi terzi ta' koerizzjoni ekonomika, l-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni u l-effetti tagħhom, bil-ħsieb li taġġusta, tissospendi jew ittemm il-miżuri ta' rispons kif xieraq. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli u l-proċeduri għall-emendar, għas-sospensjoni u għat-terminazzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni u s-sitwazzjonijiet li fihom dawn ikunu xierqa.

##### *Emenda*

(19) Wara l-adozzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta kontinwament is-sitwazzjoni fir-rigward tal-miżuri ta' pajjiżi terzi ta' koerizzjoni ekonomika, l-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni u l-effetti tagħhom, bil-ħsieb li taġġusta, tissospendi jew ittemm il-miżuri ta' rispons kif xieraq. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli u l-proċeduri għall-emendar, għas-sospensjoni u għat-terminazzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni u s-sitwazzjonijiet li fihom dawn ikunu xierqa. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill involuti bis-sħiħ f'kull stadju tal-proċedura billi tirrapporta regolarment dwar kwalunkwe żvilupp reċenti, l-eżitu tar-rieżami dwar l-effikaċja tal-kontromiżuri, kif ukoll dwar il-passi li tkun beħsiebha tieħu.***

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Premessa 20

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Huwa essenzjali li jiġu previsti opportunitajiet għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati għall-finijiet tal-adozzjoni u tal-emendar tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, u kif rilevanti għall-finijiet ta' sospensjoni u ta' terminazzjoni, fid-dawl tal-impatt potenzjali fuq tali

##### *Emenda*

(20) Huwa essenzjali li jiġu previsti opportunitajiet għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati, ***inklużi n-negożji***, għall-finijiet tal-adozzjoni u tal-emendar tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, u kif rilevanti għall-finijiet ta' sospensjoni u ta' terminazzjoni, fid-dawl tal-impatt

partijiet ikkonċernati.

potenzjali fuq tali partijiet ikkonċernati.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Huwa importanti li jiġu żgurati komunikazzjoni u skambju effettivi ta' fehmiet u informazzjoni bejn il-Kummissjoni minn naħa u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill min-naħa l-oħra, b'mod partikolari dwar l-isforzi li jkun hemm involviment mal-pajjiż terz ikkonċernat biex jiġu esplorati għażliet bil-ħsieb li jinkiseb il-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika u dwar kwistjonijiet li jistgħu jwasslu għall-adozzjoni ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

(21) Huwa importanti li jiġu żgurati komunikazzjoni u skambju effettivi ta' fehmiet u informazzjoni bejn il-Kummissjoni minn naħa u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill min-naħa l-oħra, b'mod partikolari dwar l-isforzi li jkun hemm involviment mal-pajjiż terz ikkonċernat biex jiġu esplorati għażliet bil-ħsieb li jinkiseb il-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika u dwar kwistjonijiet li jistgħu jwasslu għall-adozzjoni ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni skont dan ir-Regolament. ***B'mod ġenerali jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati bl-iżviluppi li jkunu għaddejjin f'kull stadju tal-proċedura, mid-diskussjonijiet preliminari għan-notifika ta' miżuri ta' rispons.***

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 26

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-miżuri adottati skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-effettività u l-operat tagħhom u fir-rigward tal-konklużjonijiet possibbli għal miżuri futuri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina wkoll dan ir-Regolament wara li tikseb esperjenza suffiċjenti bl-eżistenza jew bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ir-rieżami jkopri l-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonament, l-effiċjenza

#### *Emenda*

(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa ***bir-reqqa*** l-miżuri adottati skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-effettività u l-operat tagħhom u fir-rigward tal-konklużjonijiet possibbli għal miżuri futuri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina wkoll dan ir-Regolament wara li tikseb esperjenza suffiċjenti bl-eżistenza jew bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***l-impatt tiegħu fuq il-kummerċ, l-investimenti u s-suq uniku, u l-***

u l-effettività ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-valutazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,

***konsistenza tiegħu mal-għodod eżistenti.*** Jenħtieġ li dan ir-rieżami jkopri l-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonament, l-effiċjenza u l-effettività ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta ***regolarment*** dwar il-valutazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli u proċeduri sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fejn pajjiż terz ifittex, permezz ta' miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment, li jġiegħel lill-Unjoni jew lil Stat Membru jadotta jew jonqos milli jadotta att partikolari. Dan ir-Regolament jipprovdi qafas għall-Unjoni biex tirreaġixxi f'sitwazzjonijiet bħal dawn bl-għan li tiskoraġġixxi, jew li twaqqaf lill-pajjiż terz milli jwettaq tali azzjonijiet, filwaqt li jippermetti lill-Unjoni, fl-aħħar istanza, li tikkontrobatti tali azzjonijiet.

#### *Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli u proċeduri sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha ***u jitħarsu l-integrità u l-funzjonament xieraq tas-suq intern*** fejn pajjiż terz ifittex, permezz ta' miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment, li jġiegħel lill-Unjoni jew lil Stat Membru jadotta jew jonqos milli jadotta att partikolari. ***Tali koerċizzjoni trid tiġi miġġielda sabiex jiġu ppreservati l-prerogattivi leġiżlattivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, l-istat tad-dritt u l-funzjonament tas-suq intern, kif ukoll biex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni li tista' tirriżulta minn miżuri koerċittivi min-naħa ta' pajjiż terz.*** Dan ir-Regolament jipprovdi qafas għall-Unjoni biex tirreaġixxi f'sitwazzjonijiet bħal dawn bl-għan li tiskoraġġixxi, jew li twaqqaf lill-pajjiż terz milli jwettaq tali azzjonijiet, filwaqt li jippermetti lill-Unjoni, fl-aħħar istanza, li tikkontrobatti tali azzjonijiet.

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kwalunkwe azzjoni meħuda skont

#### *Emenda*

2. Kwalunkwe azzjoni meħuda skont

dan ir-Regolament għandha tkun konsistenti mal-obbligi tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali u mwettqa fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

dan ir-Regolament għandha tkun konsistenti mal-obbligi tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali u mwettqa fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u *tas-suq intern*.

#### Emenda 14

##### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

— billi japplika jew jhedded li japplika miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment.

*Emenda*

— billi japplika jew jhedded li japplika miżuri li jaffettwaw *is-suq intern*, il-kummerċ jew l-investment.

#### Emenda 15

##### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) il-ħsara finanzjarja u ekonomika lis-suq ta' Stat Membru jew lis-suq intern tal-Unjoni;*

#### Emenda 16

##### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(d) jekk il-pajjiż terz ikunx qed jaġixxi abbażi ta' tħassib leġittimu li jkun rikonoxxut fuq livell internazzjonali;*

*imħassar*

#### Emenda 17

##### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni tista' twettaq l-eżami msemmi fil-paragrafu 1 fuq inizjattiva tagħha stess jew wara informazzjoni riċevuta minn kwalunkwe sors. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 12, li tista' tinkludi l-identità tal-fornitur tal-informazzjoni.

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni tista' twettaq l-eżami msemmi fil-paragrafu 1 fuq inizjattiva tagħha stess jew wara informazzjoni riċevuta minn kwalunkwe sors *ieħor*. Il-Kummissjoni għandha **taġixxi meta Stat Membru wieħed jew aktar jitolbu tali eżami. Il-Kummissjoni għandha taġixxi malajr u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien dwar l-eżitu tal-eżami tagħha u l-passi li tkun beħsiebha tiegħu, u** tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 12, li tista' tinkludi l-identità tal-fornitur tal-informazzjoni.

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni tista' tfittex informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri tal-pajjiż terz ikkonċernat.

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni tista' tfittex informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri tal-pajjiż terz ikkonċernat **jew tiegħu azzjoni billi tivvaluta direttament tali impatt fuq is-suq intern, jekk ikun hemm bżonn.**

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni tista' tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew permezz ta' mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni pubblika xierqa bi stedina għas-sottomissjoni ta' informazzjoni f'limitu ta' żmien speċifikat. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat bil-bidu tal-eżami.

*Emenda*

Il-Kummissjoni **għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bi kwalunkwe żvilupp waqt li jkun qed jiġu eżaminati l-miżuri ta' pajjiżi terzi. Hija** tista' tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew permezz ta' mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni pubblika xierqa, bi stedina għas-sottomissjoni ta' informazzjoni

f'limitu ta' żmien speċifikat **li ma jdewwimx bla bżonn id-deċiżjoni tal-Kummissjoni**. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat bil-bidu tal-eżami.

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Wara eżami mwettaq f'konformità mal-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tiddetermina jekk il-miżura tal-pajjiż terz ikkonċernat tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1). Il-Kummissjoni għandha taġixxi malajr.

#### *Emenda*

Wara eżami mwettaq f'konformità mal-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tiddetermina jekk il-miżura tal-pajjiż terz ikkonċernat tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1). Il-Kummissjoni għandha taġixxi malajr **u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dik id-deċiżjoni**.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Qabel ma tadotta d-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni **tista'** tistieden lill-pajjiż terz ikkonċernat jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

#### *Emenda*

Qabel ma tadotta d-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni **għandha** tistieden lill-pajjiż terz ikkonċernat jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu, **f'limitu ta' żmien speċifikat li ma jdewwimx bla bżonn id-deċiżjoni tal-Kummissjoni**.

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

— medjazzjoni, konċiljazzjoni jew uffiċċji tajbin biex jassistu lill-Unjoni u

#### *Emenda*

— medjazzjoni, konċiljazzjoni **diretta jew konċiljazzjoni permezz ta' entitajiet**

lill-pajjiż terz ikkonċernat f'dawn l-isforzi;

*internazzjonali*, jew uffiċċji tajbin biex jassistu lill-Unjoni u lill-pajjiż terz ikkonċernat f'dawn l-isforzi;

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati bl-iżviluppi *rilevanti*.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew, *lill-Istati Membri affettwati* u lill-Kunsill infurmati *bis-sħiħ u fil-ħin* bl-iżviluppi *fid-djalogu mal-pajjiż terz ikkonċernat f'kull stadju tal-proċess u bil-passi li jkun imiss jittieħdu*.

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) tkun meħtieġa azzjoni biex jiġu protetti l-interessi u d-drittijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha f'dak il-każ partikolari, u

#### *Emenda*

(b) tkun proporzjonata u meħtieġa azzjoni biex jiġu protetti l-interessi u d-drittijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha *jew biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fis-suq intern* f'dak il-każ partikolari, u

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fl-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina wkoll ir-rispons xieraq tal-Unjoni minn fost il-miżuri previsti fl-Anness I. Tali miżuri jistgħu japplikaw ukoll fir-rigward ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi maħtura f'konformità mal-Artikolu 8. Il-Kummissjoni tista'

#### *Emenda*

Fl-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina wkoll ir-rispons xieraq tal-Unjoni minn fost il-miżuri previsti fl-Anness I. Tali miżuri jistgħu japplikaw ukoll fir-rigward ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi maħtura f'konformità mal-Artikolu 8. Il-Kummissjoni tista'

tadotta wkoll miżuri li tista' tieħu skont strumenti legali oħrajn.

tadotta wkoll miżuri li tista' tieħu skont strumenti legali oħrajn. **Tali miżuri ma għandhomx imorru kontra d-dritt internazzjonali.**

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati biex tiġi evitata ħsara irreparabbli lill-Unjoni **jew** lill-Istati Membri tagħha mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli li jimponu miżuri ta' rispons tal-Unjoni, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(3). Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5. Dawk l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur.

#### *Emenda*

6. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati biex tiġi evitata ħsara irreparabbli lill-Unjoni, lill-Istati Membri tagħha **jew lis-suq intern** mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli li jimponu miżuri ta' rispons tal-Unjoni, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(3). Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5. Dawk l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur. **Jekk ikollha l-intenzjoni li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel l-adozzjoni ta' tali atti.**

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 7 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jipprovdu għajnuna effettiva jew aktar effettiva **lill-operaturi ekonomiċi** fl-Unjoni affettwati mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika;

#### *Emenda*

(b) jipprovdu għajnuna effettiva jew aktar effettiva **lil atturi** fl-Unjoni affettwati mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika;

## Emenda 28



**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 7 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) jipprovdu għajnuna effettiva jew aktar effettiva lis-suq intern billi joffru rimedju għall-impatt tal-koerċizzjoni ekonomika;**

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Kwalunkwe miżura ta' rispons tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż il-livell li jkun proporzjonat għad-dannu mġarrab mill-Unjoni jew minn Stat Membru minħabba l-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiż terz, filwaqt li tqis il-gravità tal-miżuri tal-pajjiż terz u d-drittijiet inkwistjoni.

1. Kwalunkwe miżura ta' rispons tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż il-livell li jkun proporzjonat għad-dannu mġarrab mill-Unjoni, **mis-suq intern** jew minn Stat Membru minħabba l-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiż terz, filwaqt li tqis il-gravità tal-miżuri tal-pajjiż terz u d-drittijiet inkwistjoni.

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha tagħżel u tfassal miżura ta' rispons xierqa li tqis id-determinazzjoni magħmula skont l-Artikolu 4, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(2) u l-interess tal-Unjoni, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż kif miġbura skont l-Artikolu 11, u l-kriterji li ġejjin:

2. Il-Kummissjoni għandha tagħżel u tfassal miżura ta' rispons xierqa li tqis id-determinazzjoni magħmula skont l-Artikolu 4, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(2) u l-interess tal-Unjoni, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż kif miġbura skont l-Artikolu 11, u l-kriterji **oġġettivi** li ġejjin:

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-potenzjal tal-miżuri li jipprovdu għajnuna lill-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni affettwati mill-koerċizzjoni ekonomika;

*Emenda*

(b) il-potenzjal tal-miżuri li jipprovdu għajnuna ***lis-suq intern u*** lill-operaturi ekonomiċi ***tiegħu u lil atturi oħra*** fl-Unjoni affettwati mill-koerċizzjoni ekonomika;

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-evitar jew il-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi fuq l-atturi affettwati mill-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, ***inkluża*** d-disponibbiltà ta' alternattivi għall-atturi affettwati, pereżempju sorsi alternattivi ta' provvista għal prodotti jew servizzi;

*Emenda*

(c) l-evitar jew il-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi fuq l-atturi affettwati mill-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, ***inklużi l-prevedibbiltà fit-tul u*** d-disponibbiltà ta' alternattivi għall-atturi affettwati, pereżempju sorsi alternattivi ta' provvista għal prodotti jew servizzi;

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt rieżami l-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika implimentati minn pajjiż terz li jkunu skattaw il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, l-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati u l-effetti tagħhom fuq l-interessi tal-Unjoni u għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati b'dan.

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt rieżami ***regolari*** l-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika implimentati minn pajjiż terz li jkunu skattaw il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, l-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati u l-effetti tagħhom fuq l-interessi tal-Unjoni u għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati b'dan.

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fejn ikun meħtieġ li jsiru aġġustamenti għall-miżuri ta' rispons tal-Unjoni filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 2 u 9 (2), jew żviluppi ulterjuri, inkluża r-reazzjoni tal-pajjiż terz, il-Kummissjoni tista', kif xieraq, temenda l-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 7, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 4 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) meta jkun xieraq fid-dawl tal-interess tal-Unjoni.

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 5**

*Emenda*

3. Fejn ikun meħtieġ li jsiru aġġustamenti għall-miżuri ta' rispons tal-Unjoni filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 2 u 9 (2), ***l-analiżi tal-effikaċja ta' dawk il-miżuri*** jew żviluppi ulterjuri, inkluża r-reazzjoni tal-pajjiż terz, il-Kummissjoni tista', kif xieraq, temenda l-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 7, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

*Emenda*

***3a. Stat Membru li jkun ġie soġġett għal koerċizzjoni ekonomika għandu jkollu d-dritt li jitlob lill-Kummissjoni tirrieżamina l-miżuri, jekk l-Istat Membru jqis li l-miżuri ma jkunux għadhom effettivi biex jiġġieldu l-koerċizzjoni imposta mill-pajjiż terz. Il-Kummissjoni għandu jkollha d-diskrezzjoni li taġixxi.***

*Emenda*

(d) meta jkun xieraq u ***debitament ġustifikat*** fid-dawl tal-interess tal-Unjoni.

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli li jissospendu, li jemendaw jew li jtemmu l-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 7. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(3) u għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn.

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa kwalunkwe miżura ta' rispons tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 7 sitt xhur wara t-terminazzjoni tagħha, filwaqt li tqis il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jeżamina l-effettività u l-operat tal-miżura ta' rispons tal-Unjoni, u għandu jasal għal

*Emenda*

5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli li jissospendu, li jemendaw jew li jtemmu l-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 7. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(3) u għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn. ***Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat mingħajr dewmien bid-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni tagħha.***

*Emenda*

***(aa) l-impatt ta' tali miżuri fuq il-benessri tal-konsumatur fl-Unjoni u fuq it-tkabbir ekonomiku u tal-produttività tal-Unjoni u tal-Istati Membri, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq in-negozji;***

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa kwalunkwe miżura ta' rispons tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 7 sitt xhur wara t-terminazzjoni tagħha, filwaqt li tqis il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jeżamina l-effettività u l-operat tal-miżura ta' rispons tal-Unjoni, u għandu jasal għal

konklużjonijiet possibbli għal miżuri futuri.

konklużjonijiet possibbli għal miżuri futuri.  
***Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-konklużjonijiet ġenerali tagħha, u r-rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġi ppubblikat.***

#### Emenda 40

##### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Mhux aktar tard minn ***tliet snin*** wara l-adozzjoni tal-ewwel att ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jew ***sitt*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont liema jiġi l-ewwel, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni tiegħu u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

###### *Emenda*

2. Mhux aktar tard minn ***sentejn*** wara l-adozzjoni tal-ewwel att ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jew ***ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont liema jiġi l-ewwel, ***u tal-anqas ħames snin minn hemm 'il quddiem***, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni tiegħu, ***filwaqt li takkumpanjah, jekk ikun xieraq, bi proposti leġiżlattivi rilevanti***, u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

#### Emenda 41

##### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

###### *Emenda*

***2a. Madankollu, sa ... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-miżuri meħuda, l-eżamijiet invaluatati, il-medjazzjoni mwettqa u l-konklużjonijiet tal-fajls.***

#### Emenda 42

**Proposta għal regolament**  
**Anness I – paragrafu 1 – punt d – punt i**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) l-esklużjoni mill-akkwist pubbliku ta' prodotti, servizzi jew fornituri ta' prodotti ***jew*** ta' servizzi mill-pajjiż terz ikkonċernat jew l-esklużjoni ta' offerti li l-valur totali tagħhom ikun magħmul minn aktar minn perċentwal speċifikat ta' prodotti jew servizzi mill-pajjiż terz ikkonċernat; u/jew

*Emenda*

(i) l-esklużjoni mill-akkwist pubbliku ta' prodotti, servizzi, ***xogħlijiet*** jew fornituri ta' prodotti, ta' servizzi ***jew ta' xogħlijiet*** mill-pajjiż terz ikkonċernat jew l-esklużjoni ta' offerti li l-valur totali tagħhom ikun magħmul minn aktar minn perċentwal speċifikat ta' prodotti jew servizzi mill-pajjiż terz ikkonċernat; u/jew

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi	
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0775 – C9-0458/2021 – 2021/0406(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 27.1.2022	
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 10.3.2022	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Svenja Hahn 25.1.2022	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	20.4.2022	16.5.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.6.2022	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 44 –: 0 0: 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Andrea Caroppo, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Beata Mazurek, Leszek Miller, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Campomenosi, Maria da Graça Carvalho, Geoffroy Didier, Malte Gallée, Stelios Kouloglou, Karen Melchior, Tsvetelina Penkova, Antonio Maria Rinaldi, Marc Tarabella, Kosma Złotowski	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nicola Beer, Rosanna Conte, Vlad Gheorghe, Ondřej Kovařík	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>44</b>	<b>+</b>
ECR	Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Beata Mazurek, Kosma Zlotowski
ID	Alessandra Basso, Marco Campomenosi, Rosanna Conte, Virginie Joron, Antonio Maria Rinaldi
PPE	Pablo Arias Echeverría, Andrea Caroppo, Maria da Graça Carvalho, Deirdre Clune, Geoffroy Didier, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Marion Walsmann
RENEW	Nicola Beer, Dita Charanzová, Vlad Gheorghe, Sandro Gozi, Ondřej Kovařík, Karen Melchior, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Brando Benifei, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, René Repasi, Christel Schaldemose, Marc Tarabella
THE LEFT	Kateřina Konečná, Stelios Kouloglou
VERTS/ALE	Anna Cavazzini, Malte Gallée, Alexandra Geese, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni